

# Il-Kor "Tota Pulchra" – 50 Sena

Minn Joseph Flask

Ftit vrus, żgur mhumiex biżżejjed biex tgħid dwar il-bidu u minn x'hiex għaddiet din l-Istituzzjoni Bormliża li, bla ebda dubju hija, fost l-aktar importanti f'Bormla. L-akbar soddisfazzjon ta' dan il-Ġublew tad-Deheb hi, li għalkemm għal x'uħud lanqas biss kellha qatt tinbeda, id-determinazzjoni tal-Membri Fundaturi, u ta' dawk li ġew warajhom, għamluha possibbli li t-"Tota Pulchra", kif inhu magħruf il-Kor, twieled, żviluppa, kiber u għadu sallum ta' servizz lill-Parroċċa-Santwarju u Kolleġġjata Perinsinji ta' Bormla u għadu jżomm għoli isem is-Soċjetà Bormliża kollha, mhux biss f'Bormla iżda ma' Malta kollha. Ħamsin sena huma ħafna, għalhekk se nagħti biss ftit ħjiel dwar il-bidu ta' dan il-Kor "għażiż".



Fl-1966, kont għadni kemm ġejt lura minn esperjenza ta' 13 –il sena fl-Italja. Ma domtx wisq biex għamilt ħbieb mal-Kan.Dun Victor Cilia. Kien ikbar minni, iżda t-tnejn konna mimlijin enerġija u entużjażmu, b'imħabba kbira lejn l-Liturġija, fid-dawl tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II - *Sacrosactum Concilium*, pubblikata fl-4 ta' Diċembru 1963. Il-Knisja Maltija, kienet għadha nieqsa mill-animazzjoni liturġika, kemm waqt il-Quddies u tant anqas fil-funzjonijiet l-oħra. Xtaqna kieku norganizzaw xi ħaġa, iżda konna ċerti li anki l-iċken ħsieb li nippruvaw indaħħlu xi forma ta' tiġdid waqt il-Liturġija fil-Parroċċa, anki jekk fl-ispirtu konċiljari, żgur ma kienx se jkun milqugħ. Intbaħna wkoll li f'Bormla, minkejja l-preżenza ta' xi Għaqdiet (id-"Domus", iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, u oħrajn) kien għad hemm numru konsiderevoli ta' żgħażagħ li xtaqu jesprimu u jitkellmu fuq il-ħtiġiet tagħhom, anki dawk spiritwali, iżda, ma kinux jafu ma' min. Sitwazzjoni inkwetanti u intriganti li kompliet tqanqalna biex naraw x'jista' jsir, f'qasir żmien u dawn iż-żgħażagħ – tfajliet u ġuvintur, inlaqqgħuhom flimkien. Ma ridniex għaqda bħall-oħrajn fejn is-saċerdot u min imexxi jkunu dominanti, imma li niltaqgħu ma' grupp ta' żgħażagħ li, filwaqt li nagħtuhom il-fiduċja tagħna, inrawmuhom biex

ikunu dixxiplinati u responsabli bil-għan li jiżviluppaw ħilithom u jkunu kapaċi jmexxu lil sħabhom u jaqduhom. Forsi, konna qed nippretendu żżejjed, iżda, ma qtajniex qalbna u bqajna nitkellmu u naħsbu intensament liema strateġija setgħet kienet l-aħjar. Irtir f'Għawdex, fil-bidu tas-sajf, kien determinanti biex wasalna fejn xtaqna.

Dun Victor kien mogħni b'sens diplomatiku u ħiliet organizzattivi qawwija, u kien diġa' ilu ħames snin jaħdem f'xogħol pastorali f'Bormla u f'setturi oħra. Jiena, apparti ħiliet ta' tmexxija, kelli bażi soda ta' taħriġ u tmexxija fil-Mużika Sagra, speċjalment fil-Kant Gregorjan. Bażi soda biex tinbeda xi ħaġa ġdida f'Bormla, bi grupp ta' żgħażagħ bħala l-protagonisti li jkunu ta' servizz għall-Parroċċa, u għas-soċjetà Bormliża. Qabel ma ddeċidejna, impenjajna ruħna li niddedikaw il-ħin kollu tagħna possibbli biex il-ħolma tagħna tkun suċċess. F'Settembru 1966, beda l-Kor li tiegħu illum qed niċċelebraw għeluq il-50 Sena, Kor li, anki jekk il-Kant sa mill-bidu kien l-għan ewlieni, kellu wkoll għanijiet soċjali, kulturali u filantropiċi. Mill-ewwel, ukoll, ridna li, il-Kor, prinċipalment jagħti servizz liturġiku fil-Parroċċa, imma kellu jkun "Indipendenti" jiġifieri ma jitqiesx "Kor Parrokkjali" bħal ħafna oħrajn li bdew jinbtu fil-Parroċċi. Dan biex il-Kor, ikun liberu li joffri s-servizzi tiegħu, anki bi ħlas, kull fejn ikun mistieden. Kif kien xieraq il-Kor semmejnieh "TOTA PULCHRA" (Int kollok sabiħa) il-kliem tal-bidu ta' waħda mill-isbaħ Antifoni tal-Festa tal-Kunċizzjoni. Sibna l-għajuna tal-għażiż Patri Bert O.S.A. ta' Dun Mikiel D'Amato tal-Kor taż-Żurrieq, ta' Dun Ġwann Galea, Dun Maurice Mifsud tal-YTC u tant oħrajn.

Għall-bidu, il-membri tal-Kor kienu tfajliet u xebbiet miċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika Santa Ġemma Galgani. It-taħriġ tal-Kant beda jsir daqqa l-Konservatorju, daqqa fis-Sezzjoni taż-ŻĦN u ġieli fil-Kunvent ta' Santa Tereża jew għand is-Sorijiet Ursolini. F'qasir żmien issieħbu xi ġuvintur, u l-Kor beda jqabbad għeruqu, u għalhekk inħasset il-ħtieġa ta' post fiss għat-taħriġ fil-Kant u fejn iż-żgħażagħ jingħataw il-formazzjoni soċjali u spiritwali tagħhom: l-iskop ewlieni ta' din l-għaqda ġdida f'Bormla! B'hekk bl-appoġġ indirett tal-Arċisqof Mons. M.Gonzi, u b'ħidmet Dun Victor, iċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika inbidel fil-post fejn il-Kor għadu sallum.

Il-Kor, beda jkanta waqt il-quddiesa ta' Dun Victor fil-Parroċċa, imma, sab ħafna tfixkil mhux biss mill-maġġoranza tal-Kapitlu imma wkoll minn xi lajċi, għax skonthom kienet "idea ġdida u xi ftit rivoluzzjonarja". Il-verità, fil-fatt kienet, għax kontra xi Korijiet stabbiliti, il-ġuvintur u t-tfajliet kienu jattendu għat-taħriġ fil-Kant, flimkien, anki jekk qatt ma konna "*Mixed Youth Club*"! Intant, bdejna nieħdu sehem f'xi funzjonijiet oħra fil-Parroċċa, tant li ħsibna li l-Kapitlu kien biddel fehemtu. Kien ħsieb fieragħ, għax minkejja li kantajna fin-Novena, Dun Victor qalilna li l-Kapitlu, ma kienx lest li jħallina nkantaw fil-Lejl Qaddis tal-Milied. Biex ma niddiżappuntawx lill-Membri, jiena avviċinajt



xi Patrijiet ta' Santa Tereża li b'ferħ kbir offrewlna biex fil-Milied immorru inkantaw fil-Knisja tagħhom. Il-proverbju jgħid: "Kull deni ħudu b'ġid" għax infetħulna bibien oħra, irċevejna diversi stediniet, anki barra minn Bormla (Quddies, innijiet mal-Banda, okkażjonijiet soċjali privati u pubbliċi, *Song Contest* u *Rallies*...) biex il-Kor joffri s-servizzi tiegħu u mill-"kappell li kellna sellimna". Maż-żmien, anki r-relazzjonijiet mal-Kapitlu bdew jitjiebu u bdejna nanimaw il-Liturġija fil-Parroċċa u kantajna fil-Funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira.

Dun Victor u jiena stedinna lil Alfio Schembri li kien (u għadu) ħabib kbir tiegħi, biex jagħtina daqqa t'id, fl-organizzazzjoni. Is-serjetà li rnexxielna nnislu fil-membri sa mill-bidu kienet garanzija tas-suċċess, għax flimkien mal-membri żdiedu wkoll l-impenji.

Komplejna nsaħħu l-appoġġ mill-Arċisqof Mons.M.Gonzi, li kemm-il darba onorana bill-presenza tiegħu, ksibna l-fiduċja ta' diversi Għaqdiet u Istituzzjonijiet anki Barranin li apprezzazzaw ħidmietna u ma ddakkrux jgħinuna finanzjarjament, bħal *Friends of Malta* biex inxtara l-ewwel orgni għall-waqt il-provi u biex insaqqfu l-bitħa. Fiduċjużi f'ġejjieni mdawwal, f'April tal-1967 issejħet l-Ewwel Laqgħa Ġenerali u tħabbar pubblikament l-ewwel Kumitat provviżorju li ħejja għall-Ftuħ Uffiċjali tal-Kor li sar il-Ġimgħa 29 ta' Diċembru 1967. Wara Quddiesa fil-Parroċċa mill-E.T. Mons. Emmanuel Gerada, Isqof Awżiljaru/Kuġitur, iċ-ċerimonja tal-Inawgurazzjoni saret fis-Sala tal-Każin tal-Banda San Ġorġ – Bormla. Mons.Gerada inħatar President Onorarju tal-istess Kor.

Ma nistax ma nsemmix żewġ ġrajjiet importanti. Wara ftit iktar minn tliet snin, tfassal Statut li kiseb l-approvazzjoni unanima tal-Membri fit-Tieni Laqgħa Ġenerali. Dun Victor ma baqax iktar President u sar Direttur Spiritwali, u minfloku b'elezzjoni, sar A. Schembri u jiena bqajt is-Surmast. It-tieni ġrajja, li żgur mhu se tintesa qatt fl-istorja tal-Kor, kienet li fi-19 ta' Novembru 1972 kien il-mistieden ewlieni mill-Istituto Italiano di Cultura waqt il- "*Cocktail d'Inverno 1972*" li sar fit-Teatru Manoel. Apparti l-*Kyrie* minn "*In a Monastery Garden*" ta' A.W.Ketelby, *Va pensiero* minn "Nabucco" ta' G.Verdi, u siltiet oħra bit-Taljan, il-Kor kanta "Is-Sajf" għal żewġ vuċijiet u pjanu ta' Maestro Carmelo Pace, "li kienet qed titkanta għall-ewwel darba".

Żgur ħallejt barra tant attivitajiet u ġrajjiet, evitajt li nsemmi ismijiet biex ma nħalli 'l ħadd barra. Filwaqt li nrodd ħajr lis-Surmast presenti Walter Tonna li huwa wkoll sar sinonimu mal-Kor, nrodd ħajr lil kull min għin bex il-Kor jikber u joktor u ngħalaq bl-aħħar strofa tal-Innu tal-Kor (Kliem O. Friggieri – Mużika P. Albert Borg):

"Taħt dell il-belt qalbiena
ilkoll nibqgħu kburin.
Leħinna jibqa' jidwi
mal-gżira tal-Maltin."

**Nota**: Niehdu l-okkażjoni biex nirringrazzjaw lis-Sur Joe Flask tal-koperazzjoni tiegħu għall-kitba ta' dan l-artiklu. Dik it-tarbija li welled hu flimkien mal-mibki Arċipriet Dun Victor Cilia illum qed tfakkar il-ġublew tad-deheb. Nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li l-Kor Tota Pulchra kien ta' ġieħ mhux biss għalih innifsu biss iżda anki għall-Belt Cospicua billi kull fejn kien mistieden madwar Malta dejjem ħareġ bl-unuri. Matul dawn il-Ħamsin Sena il-Kor kien mistieden biex ikanta kważi f'kull lokal f'Malta, anki fuq livell Nazzjonali bħal meta saret il-quddiesa ta' radd il-Ħajr għall-Beatifikazzjoni

ta' Suor Adeodata Pisani, u fil-bidu tal-Proċess tal-Kanonizzazzjoni ta' Mons. Ġużeppi de Piro. Il-Kor kien mistieden ukoll ikanta f'żewġ okkażjonijiet fil-Għira Għawdxija, fejn fl-4 ta' Settembru 1999 kien mistieden ikanta fil-Bażilka ta' Marija Bambina fix-Xagħra fl-okkażjoni tal-Festa, u fil-31 t'Ottubru 2000 kien mistieden ikanta fil-Katidral t'Għawdex fl-okkażjoni tal-Ħamsin Sena mid-Domma tal-Assunzjoni ta' Marija. Minn qalbna nifirħulhom u nirringrazzjahom tas-servizz denju li dejjem taw lill-Parroċċa tagħna senza interessi.



*Il-Kor 'Tota Pulchra' waqt l-Akkademja li kienet saret nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2005 fl-okkażjoni tal-Mitt Sena mill-Inkurunazzjoni tal-kwadru titulari*